MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 88/2002/1

**Avviz numru 88/02DM**

**Paul Buhagiar**

**Vs**

**Eddie Pavia, Michael Delia u John Delia**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma komplessiva ta' Lm2500 (elfejn u hames mitt lira Maltin) rapprezentanti l-prezz ta' kuntratt ta' appalt nkonnessjoni ma xogholijiet ta' kostruzzjoni ossia tqattiegh ta' blat kif ukoll tahmil u garr ta' materjal, liema applat gie minnu esegwit fuq nkarigu tal-konvenuti jew minn minnhom, u liema xogholijiet saru fuq s-site bin-numru 17 gewwa Triq Santa Theresa - Hal

Tarxien, kif ukoll l-imghaxijiet legali dekorribbli mill-1 ta' Settembru 2000 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri legali tal-11 ta’ Dicembru 2000, tat- 12 ta’ Jannar 2001 u 27 ta’ Jannar 2001, tal-mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju u tal-ittra ufficjali ghall-sejha ta’ depositu li gew intavolati kontestwalment mal-prezenti, tat-taxxi fuq l-valur mizjud nkonnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn l-proceduri, u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat in-nota ta’ cessjoni pprezentata mill-attur personalment fis-seduta tallum stess fejn huwa ceda l-pretenzjoni tieghu fil-konfront biss tal-konvenut Eddie Pavia.

Rat illi l-konvenuti Michael u John Delia msejhin ghas-subizzjoni ma dehrux biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet ukoll lill-attur bil-gurament issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

U ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici, u tikkundanna lill-konvenuti sabiex in solidum bejnithom ihallsu lill-attur s-somma mitluba ta’ elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b’effett mill-1 ta’ Settembru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum bejnithom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------